MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 546/2010

**Appell Nru. 546/2010**

**Il-Pulizija**
**(Maggur John Chalker)**
**Vs**
**John Tanti**

**Illum 24 ta’ Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 110757 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta’ Jannar, 2009 f’Deja Co. Ltd, Demajo House, 103, Triq l-Arcisqof, Valletta, fuq talba tal-Employment & Training Corporation, talli fil-kapacita` tieghu bhala direttur tas-socjeta` Deja Company Ltd fis-16 ta’ Jannar, 2009 u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Ayhan Ciplak ta’ nazzjonalita` barranija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Dicembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 3(a), 4, 7 u 10 tal-Avviz Legali 110/93 issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu multa ta' elf mija u tnejn u tletin Ewro (€1132).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi u, minghajr pregudizzju, f'kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta skond il-ligi fil-konfront ta' l-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddecidiet il-kawza billi rriteniet sempliciment li :

*"Semghet il-provi;*

*Wara li rat l-artikoli 3(a), 4, 7 u 10 tal-Avviz Legali 110/93 issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf mija u tnejn u tletin ewro (€1132)".*

L-Ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni ghalfejn sabet lill-appellant hati. Dan iwassal ghan-nullita` ta' l-istess sentenza u anke f'kaz li, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, l-istess sentenza mhijix nulla, tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-appellant jifhem li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu ta' natura sommarja pero` b'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti hija ezentata milli taghti motivazzjoni sabiex tissostanzja l-konkluzzjoni minnha raggunta.

B'decizjoni motivata l-appellant ma jridx ifisser xi pagni shah ta' ragunament. Izda jigi umilment sottomess li s-sommarjeta` tal-proceduri m'ghandhiex twassal ghat-twarrib komplet ta' dak rikjest mil-ligi u ghan-non-osservanza tad-drittijiet fundamentali ta' la-ppellant hekk kif protetti mill-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti kellha taghti, almenu b'mod konciz, ir-raguni ghalfejn kienet qeghda ssibu hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

B'tali nuqqas l-appellant gie zvantaggjat fir-redazzjoni tal-appell tieghu ghaliex mhux f'posizzjoni li jaf ghalfejn l-Ewwel Qorti warrbet id-difiza tieghu.

Issir referenza hawnhekk ghall-ktieb Law of the European Convention on Human rights fejn insibu hekk :
*"The requirement of a fair hearing also supposes that a Court will give reasons for the judgement, in both criminal and non-criminal cases. Whereas national courts are allowed considerable discretion as to the structure and content of their judgements, they must 'indicate with sufficient clarity the grounds on which they base their decision' so as to allow a litigant usefully to exercise any available right of appeal. Further justifications for the need of a reasoned judgement are the interest of a litigant in knowing that his or her arguments have been properly examined, and the interest of the public in a democratic society in knowing the reasons for judicial decisions given in its name."*

Ghalhekk l-appellant jissottometti li n-nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza tal-14 ta' Dicembru, 2010 huwa ta' zvantagg ghalih u huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu hekk kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

peress li taht il-kappa ta' dawn l-artikoli nsibu d-dritt ta' persuna li sentenza ghandha fil-konfront taghha tkun motivata. Dan japplika mhux biss fil-kamp civili izda wkoll fil-kamp penali kif gie ritenut mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi t-tqanqil ta' din il-kwistjoni ghalhekk mhiex wahda ta' natura frivola jew vessatorja.

Ghaldaqstant ion vista tas-suespost, l-appellant jitlob li ssir reference a tenur ta' l-artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minn din il-Qorti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha peress li sehhet vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu a tenur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u inoltre jitlob ukoll li din il-Qorti joghgobha tissospendi l-proceduri odjerni sakemm tigi trattata u deciza l-kwistjoni kostituzzjonali.

It-tieni aggravju : La l-esponenti u l-anqas il-kumpannija Deja Company Limited m'ghandhom u qatt ma kellhom xi hamut u/jew negozju iehor "f'Deja Co. Ltd, Demajo House, 103, Triq l-Arcisqof, Valletta" fejn allegatament sehh l-incident skond l-akkuza.

Illi l-uniku negozju li ghandha l-kumpannija Dej acompany Limited huwa li tiggestixxi l-bar bl-isem Q-Bar li jinsab fil-Valletta Waterfront, il-Furjana u ghalhekk l-appellant qatt ma setgha jinstab hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu cioe` : "talli fis-16 ta' Jannar, 2009 f'Deja Co. Ltd, Demajo House, 103 Triq l-Arcisqof, Valletta ...... haddem mieghu lil Ayhan Ciplak ...."Il-Kumpannija Deja Company Limited ma tiggestixxi l-ebda negozju fi Triq l-Arcisqof, Valletta.

Infatti rrizulta mix-xhieda ta' l-Ispetturi tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig stess li huma marru l-Valletta Waterfront, il-Furjana fil-hanut maghruf bhala Q-Bar. Ma ngabet l-ebda prova li l-allegat incident sehh fi Triq l-Arcisqof, Valletta.

It-Tielet aggravju : Id-dritt ta’ l-esponenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli gie miksur.

Illi l-Ispetturi tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig ghamlu spezzjoni fil-hanut Q-Bar allegatament fis-16 ta’ Jannar, 2009.

Qieghed jinghad allegatament ghaliex l-Ispetturi tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig qatt ma kellmu lill-appellant dwar din l-ispezzjoni li saret fl-istabbiliment immexxi minnu la dakinhar ta’ l-ispezzjoni u lanqas wara.

Kien biss lejn l-ahhar ta’ Novembru 2010 li l-appellant ircieva l-akkuza de quo fejn gie allegat li kwazi sentejn qabel u cioe` fis-16 ta’ Jannar, 2009 u qabel din id-data fil-kapacita` tieghu bhala direttur tal-kumpannija Deja Company Limited huwa naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Ayhan Ciplak.

Billi l-esponenti qatt ma gie avvicinat mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig dwar din l-allegazzjoni huwa gie a konoxxenza taghha l-ewwel darba meta rcieva l-akkuza de quo, sena u ghaxar xhur wara l-allegat akkadut.

Dan mhux accettabbli f’socjeta` li tiftahar li temmen, li thaddan u li tosserva d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

L-appellant jissottometti li t-tul ta’ zmien li ttiehed sabiex il-Pulizija tohrog formalment l-akkuza fil-konfront tieghu u tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali huwa wiehed leziv tad-dritt fundamentali tieghu li jkollu smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli a tenur ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

L-akkuza migjuba kontra l-appellant hija wahda semplici u mhiex komplessa. Ma kien hemm bzonn ta’ l-ebda inkjesta jew necessita` li jingabru xi dokumenti qabel ma tinhareg l-akkuza formalment fil-konfront tieghu. Certament ma jista` jigi addebitat l-ebda komportament min-naha ta’ l-appellant li seta` b’xi mod ikkaguna xi

dewmien ghaliex huwa lanqas biss kien avzat li saret l-ispezzjoni.

Hawnhekk jigi rilevat li z-zmien biex wiehed jasal ghall-komputazzjoni tat-tul taz-zmien li ghadda fil-kaz odjern beda jiddekorri minn dakinhar li l-Ispetturi tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig allegatament accedew fil-hanut Q-Bar, ossija kif sostnut minnhom, fis-16 ta' Jannar, 2009. Aghar minn hekk, l-akkuza fil-konfront ta' la-ppellant sahansitra tirreferi ghall-perjodu qabel is-16 ta' Jannar, 2009.

It-trapass ta' dan iz-zmien kollu – meta saret l-ispezzjoni sakemm l-esponent gie notifikat bil-komparixxi – pogga lill-esponenti f'sitwazzjoni ferm difficli sabiex jiddefendi ruhu. Multo magis meta l-Ispetturi tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (li hadu notamenti lil min kellmu) kienu jafu ben tajjeb li ma sabux lil John Tanti fuq il-post u li ma kellmuhx lanqas sussegwentement. Infatti fix-xhieda taghhom l-Ispetturi in kwistjoni kkonfermaw bil-gurament taghhom li lil John Tanti ma kellmuhx.

Illi fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights insibu spjegat li :
*"Like the word criminal, charge has an autonomous Convention meaning. It is the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence or some other act which carries the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect".*

Inoltre fis-sentenza fl-ismijiet Eckle v. Germanu gie ritenut li :
*"73. In criminal matters, the reasonable time referred to in Articcle 6 para 1 (art. 6-1) begins to run as soon as a person is "charged", this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see for example, the Deweer Judgement of 27 February 1980, Series A no. 35 p.22, par 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when prelimianry investigations*

*were opened (see the Wemhoff judgement of 27 June 1968, Series A no. 7, pp 26-27, par. 19, the Neumeister judgement of the same date, Series A no. 8, p. 41, par 18, and the Ringeisen judgement of 16 July 1971, Series A no. 13, p 45, par. 110.*

Illi t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mhiex wahda ta' natura frivola jew vessatorja.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-appellanti jitlob li ssir referenza a tenur ta' l-artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minn din il-Qorti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha peress li sehhet vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu li jkollu smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ai termini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u inoltre jitlob ukoll li din il-Qorti joghgobha tissospendi l-proceduri odjerni sakemm tigi trattata u deciza l-kwistjoni kostituzzjonali.

Ir-raba` aggravju : L-esponenti qatt ma hadddem mieghu jew mal-kumpannija Deja Company Limited lil Ayhan Ciplak.

Illi la l-appellant personalment u l-anqas il-kumpannija Deja Company Limited qatt ma haddmu maghhom lil Aynhan Ciplak. Il-fatt li meta l-Ispetturi tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig marru fil-Q-Bar li jinstab fil-Valletta Waterfront, il-Furjana u raw lil ayhan Ciplak ibiddel CD li kienet wehlet ma jfissirx li l-appellant kien qieghed ihaddem mieghu lil Ayhan Ciplak dakinhar jew f'data precedenti.

Apparti minn dan irrizulta wkoll mix-xhieda prodotti, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, li Ayhan Ciplak dak iz-zmien kien impjegat full-time mal-kumpannija Special Interest Travel Limited u kien johrog ma' bint l-appellant.

Minhabba l-fatt li kien johrog ma' bint l-appellant, Ayhan Ciplak kien spiss imur il-Q-Bar u kull ghajnuna li setgha ta

meta kien hemm ma' tista` qatt tigi kkunsidrata li l-appellant kien qieghed ihaddmu mieghu.

Il-hames aggravju : Il-piena.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena inflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti hija ferm esagerata.

Jigi osservat illi l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig ma taghatx lill-appellanti l-opportunita` li jhallas il-penali ta' €58.23 ikkontemplata fil-proviso ta' l-artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 110 ta' l-1993 kif taghmel is-soltu.

Di piu` l-Qorti imbaghad infliggiet fuq l-appellant kwazi l-piena massima, cioe` multa ta' €1132, minghajr ma tat raguni 'l ghala kienet qeghda taghmel hekk. Dan meta l-istess artikolu 10 ta' l-A.L. 110 ta' l-1993 jikkontempla multa ta' bejn €116.47 u €1164.69.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-16 ta' Jannar, 2009 xi Spetturi mill-Korporazzjoni tat-tahrig marru l-Q Bar fil-Valletta Waterfront fejn hemmhekk sabu zewg barranin jahdmu, wiehed minnhom jismu Ayhan Ciplak li kien qed jahdem ta' DJ. Peress illi rrizulta illi dan ta' l-ahhar ma kellux permess, il-korporazzjoni harget citazzjoni kontra d-Direttur tal-kumpanija illi topera l-Q Bar. Dana kien l-appellant John Tanti illi huwa Direttur tal-kumpanija Deja Co. Ltd. li hija shab ma Demajo Group fl-operazzjoni tal-Q Bar. B'Sentenza moghtija fl-14 ta' Dicembru, 2010 (fol 10) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba konta tieghu u kkundannatu ghal multa ta' €1,132. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u nterpona appell. L-ewwel agravju tieghu jikkoncerna l-mod kif inkitbet is-Sentenza peress illi ma kienetx motivata u quindi dina kienet tmur kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ghalhekk argumenta illi l-mod kif inkitbet din is-Sentenza tilledi d-drittijiet fundamentali tieghu u talab illi ssir referenza

Kostituzzjonali halli din il-vertenza tigi deciza f'dak il-forum.

Ikkunsidrat.

Ghal dak illi jirrigwardja dan l-agravju l-Qorti tirrileva illi din il-kawza mxiet bi procedura sommarja peress illi taqa' taht il-gurizdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fil-kompitenza originali taghha. Bhala kawza sommarja ma hemmx ghalfejn tkun motivata basta jigu osservati d-dispost ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali illi tghid, "*Il-Qorti, meta taghti s-Sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu ta' dan il-Kodici jew ta' kull Ligi ohra li tkun ikkontemplata r-reat*." Minn dan l-Artiklu l-kliem importanti ghal vertenza taghna huma "*ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati*". Il-Ligi hawnhekk qeghda tirreferi ghal fatti tar-reat u mhux ghal motivazzjoni (ara Republika vs Elton Abela, 28 ta' Jannar, 2005). Dawn il-fatti johorgu car anke mill-istess akkuza fejn la l-Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza, ergo l-fatti huma ben esposti u l-appellant jaf ghalxiex gie misjub hati. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi b'dan il-mod gew lezi xi drittijiet fundamentali ta' l-appellant u ma jidhirliex illi ghandha tilqa t-talba tieghu ghal xi referenza Kostituzzjonali liema talba l-Qorti qeghda tiddikjara hija frivola u vessatorja.

Aggravju iehor imqajjem mill-appellant illi jikkoncerna d-drittijiet fundamentili tieghu huwa t-tielet agravju fejn qed jallega illi gew miksura d-dritt ta' smieh xieraq fiz-zmien ragunevoli, dana 'l ghaliex l-ispezzjoni saret fis-16 ta' Jannar, 2009 mentri l-appellant ircieva c-citazzjoni fl-ahhar ta' Novembru, 2010. Jallega illi qatt ma gie avvicinat mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig dwar din l-allegazzjoni u gie a konexxenza taghha l-ewwel darba meta rcieva l-akkuza sena u ghaxar xhur wara l-allegat ispezzjoni.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi l-korporazzjoni tax-xoghol u tahrig ikollha mijiet jekk mhux eluf ta' citazzjoni x'tipprocessa u mhux biss din il-kawza ta' l-appellant u ghalhekk wiehed ma jiskanta xejn illi jkun ghadda daqsxejn taz-zmien qabel il-korporazzjoni tkun tista tipprocessa l-kaz partikulari. Din il-Qorti jidhrilha illi sena u ghaxar xhur m'huwiex xi perjodu twil izzejjed u jidhol fil-parametri li huwa ragonevoli fl-iprocessar ta' dawn it-tip ta' kawzi. Il-Qorti ma temminx illi l-appellant meta dana jilmenta illi ma kien jaf xejn u sar jaf bil-kazwa dakinhar illi gie formalment notifikat bic-citazzjoni, f'dik id-data tiskatta d-dritt tieghu illi jkollu avukat biex jiddefendih u jista jitlob aktar zmien sabiex l-avukat jipprepara d-difiza tieghu, imma li jghid li ma gewx l-Ispetturi fl-istabiliment tieghu u ntervistaw nies vicin il-familja tieghu din il-Qorti difficli li temmen u m'hemmx dubju dan iz-zmien kollu illi ghadda bejn l-ispezzjoni u c-citazzjoni l-appellant seta' juzah biex jipprepara d-difiza tieghu. Altru illi kien ta' pregudizzju ghalih.

L-appellant fir-rikors tieghu kkwota Sentenzi minn Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar it-tifsira ta' zmien ragonevoli, pero' anke hawnhekk il-Qorti ma setghetx tinvoka "*a hard and fast rule"*, l-iktar illi setghet taghmel huwa illi tikkwalifika d-difenizzjoni bil-kelma "*may*" u ovjament thalli f'idejn il-gudikant sabiex jara hu jekk fil-fatt l-opinjoni tieghu kien dritt ta' smieh xieraq fi zmien ragonevoli giex mittiefes jew le. Dina mhijiex xi haga gdida, fil-fatt din il-problema kienet ukoll tezisti fiz-zmien l-era klassika Rumana fejn intqal "quam diu debet essere razionabile tempus, non definuntur in lege sed pendet ex descrezzione iusticiarorum."
Din il-Qorti jidhrilha illi z-zmien illi hadet il-korporazzjoni sabiex tipprezenta l-kaz taghha ma kienx xi zmien twil esagerat anzi fic-cirkostani mehud inkonsiderazzjoni l-ammont kbir ta' *prosecutions* illi l-Korporazzjoni jkollha, z-zmien ta' sena u ghaxar xhur mhuwiex xi haga esagerata. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi t-talba ta' l-appellant ghal referenza Kostituzzjonali hija frivola u versatorja u mhux il-kaz illi tissospendi dawn il-proceduri. Agravji ohra jikkoncernaw il-meritu.

Ikkunsidrat.

L-Ispetturi tal-korperazzjoni Louis Buhagiar u Paul Vella xehdu illi dak inhar fis-16 ta' Jannar, 2009 marru l-Q Bar fil- Valletta Waterfront u hemm hekk sabu zewg barranin jahdmu, wiehed minnhom bil-kunjom Ciplak li ammetta maghhom illi jahdem bhal DJ u li permess ma kellux. Hadu d-dettalji ta' l-iehor li kien wara l-bar li wkoll kien minghar permess tax-xoghol. Irrizultalhom illi Ciplak kellu permess biex jahdem ma ditta bl-isem ta' "Special Interest Travel" bhala interpretu ma din id-ditta izda mhux bhala DJ. L-Ispetturi marru f'dan l-istabbiliment f'21:40 hours u Ciplak qalilhom illi kien jahdem bhala DJ part-time u kien fil-fatt qed idoqq il-muzika. Irrizulta illi l-persuna li mpjegatu kien l-appellant John Tanti. Andrew Schembri mill-MFSA xehed illi d-Diretturi ta' Deja Co. Ltd. il-kumpanija, illi kienet qed tiggestixxi l-Q Bar, huma Herman Miceli Demajo, Matthew Miceli Demajo, John Tanti l-appellant u Neville Xuereb. Ayhan Ciplak xehed quddiem din il-Qorti illi huwa kien fuq il-post peress illi dak iz-zmien kien johrog mat-tifla tas-sur Tanti, dak il-hin kien mal-bar jitkellem ma l-ex tfajla tieghu izda ma kienx qed jahdem fil-bar,ma jiftakarx x'qal quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li kien jaf zgur, illi qal li kien dam johrog mat-tifla tas-sur Tanti Karen ghal madwar sentejn u nofs. Kellu permess jahdem ma "Special Interest Travel" Agency ta' Demajo Group bhala konsulent.

L-appellant xehed illi huwa Direttur tal-kumpanija Deja Co. Ltd li tiggestixxi l-Q Bar, lil Ciplak kien jafu ghax kien johrog mat-tifla tieghu u kien jahdem bhala konsulent ma Demajo Group, kien ta' spiss jigi l-Q Bar biex jassisti lil xi Torok u jew turisti ohra illi jigu l-bar, it-tip ta' turisti li kienu jigu mibghuta minn Demajo Group. L-appellant qal illi huwa kien jaf illi Ayhan kien fil-bar pero' b'daqshekk illi kien wara s-CD changer ma jfissirx illi kien DJ. L-appellant xehed illi Ciplak ma kienx jigi mhallas minn Deja Co. Ltd izda minn Demajo Group, kien sfortunat ghalih illi dak il-hin illi dahlu l-ETC Inspectors Ciplak kien wara il-bank tas-CD changer.

Ikkunsidrat.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha oltre l-kwistjonijiet Kostituzzjonali li ga giet trattata minn din il-Qorti, ghal dak li jirrigwardja l-meritu qalet illi ma kienx hemm in-ness bejn l-appellant u Ciplak. Din il-Qorti jidhrilha illi altru li jirrizulta dan in-ness, jekk Ciplak kien imhallas minn Demajo Group din l-azjenda kellha nteress dirett fil-Q Bar fejn ta' spiss kien jattendi Ciplak u ghalih ma kienetx se taghmel differenza jekk jithalasx minn Deja Co. Ltd. jew minn Demajo Group la l-interess ta' dawn iz-zewg kumpaniji kien l-istess. Il-fatt illi Ciplak ghamel xi zmien johrog mat-tifla ta' l-appellant hija xi haga accidentali u rrelevanti ghal din il-kawza, l-importanti huwa illi meta dahlu l-Ispetturi tal-Korperazzjoni dana sabu lil Ciplak wara l-bank tad-DJ ihaddem il-muzika u ammetta maghhom li ma kellux permess jahdem f'dik il-vesti. L-appellant quddiem din il-Qorti ammetta illi kien jaf li Ciplak kien qieghed fil-bar u gie li jkun wara s-CD changer, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi kien DJ. Il-Qorti ssaqsi jekk ma kienx DJ x'kien qieghed jaghmel wara s-CD changer idoqq il-muzika, ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-verzjoni moghtija mill-Ispetturi tal-Korperazzjoni hija wahda veritiera u l-Qorti tista liberament toqghod fuqhom. Din il-Qorti hija sodisfatta illi Ciplak kien qieghed jahdem bhala DJ minghar ma kellu l-permess necessarju mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig u dan ix-xoghol kien qieghed jaghmlu ghall-appellant illi kien Direttur tal-kumpanija illi kienet qed tiggesti l-istabbiliment fejn kien qieghed jahdem Ciplak.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-appellant qieghed jilmenta illi dina kienet eccessiva wisq, aktar u aktar meta tqis illi kienet aktar vicin il-massimu li l-Ligi tikkontempla ghal dan it-tip ta'reat. Il-Qorti tirrileva illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt, (Repubblika vs David Vella, 14 ta' Gunju, 1999). Irrizulta illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti tidhol fil-parameteri tal-Ligi u ghalhekk mhxu il-kaz illi din tigi mibdula. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti dina setghet ragonevalment u legalmet tasal ghal konkluzjoni illi waslet

ghaliha, ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata din id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------